**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**


# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 79

<u>It-Tnejn 3 ta' Settembru 2018</u>

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinstab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00p.m. ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar– Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri –Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)): Is-Sur Salvu Farrugia**

**ASSENTI**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Georgette Borg– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjat il-laqgħa.

**79.1 Introduzzjoni**

79.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-18.00hrs b'introduzzjoni mis-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

79.1.2 Is-Sindku, S-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li l-Kunsillier is-Sur Salvu Farrugia huwa skużat milli jattendi għall-laqgħa peress li jinstab rikoverat l-isptar.

79.1.3 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezzjonijiet tagħhom għall-minuti nr 78 ta' 31 ta' Lulju 2018.

79.1.4 Fuq proposta tal-Minority Leader, s-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi minuti nr 78 ta' 31 ta' Lulju 2018 ġew approvati unanimament.

**79.2 Punti mqajma mill-minuti**

79.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq punt 78.3.33 u staqsiet fuq il-van tal-Kunsill.

79.2.2 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, nfurmat il-Kunsill li kien diġa jaf li kien instab van Toyota mingħand Dealer għal prezz ta' €3,500.

79.2.3 Il-mechanic ta' fiduċja tal-Kunsill rah u ta l-go ahead biex jekk irid il-Kunsill jixtrieh.

79.2.4 Peress li kien hemm diffikulta jekk għandux jitħallas VAT mill-Kunsill fuq dan il-van, għandu jiġi ndagat mal-VAT Department u biex nkunu ċerti. Għandu ukoll jiġi ċċekkjat il-log book.

79.2.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq numru 78.3.45 fejn is-Sindku kellha tiċċekkja fuq xi cameras li jiġu miċ-Ċina.

79.2.6 Is-Sindku għalkemm iċċekkjat għada ma sabitx dak li tixtieq. Għandha tiċċekkja iktar fuq dawn il-cameras.

79.2.7 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq 78.5.6 fuq ix-xogħolijiet li qed isiru fil-housing Estate.

79.2.8 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill għalkemm dawn kienu diġa nfurmati fuq l-informazzjoni li kien ta l-Perit fuq dawn ix-xogħolijiet li qed isiru bħal tibjid tal-faċċata ta' żewġ blokkok, irranġar ta' gallariji, liquid membrane fejn hemm bżonn, upgrading tal-common parts u shifting tal-water tanks.

79.2.9 Is-Sinjorina Farrugia staqsiet x'kien ġara fuq il-proġett tal-Housing fuq ġewwa.

79.2.10 Għandu jerġa jiġi kkuntatjat il-Perit biex naraw jekk kienx hemm xi żviluppi fuq dan il-proġett.

79.2.11 Is-Sinjorina Lorraine reġgħet staqsiet fuq il-Bus Shelters. Is-Segretarju nfurmat li rigward dawn il-bus shelters ġejna nfurmati li qegħdin fuq il-lista.

## 79.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU /VIP LIST

79.3.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi kkonfermat li l-applikant li kellu jattendi għal l-interview għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv iktar kmieni dakinhar iddeċieda li jiddroppja din l-intervista.

79.3.2 Is-Segretarju nfurmat li hija diġa nfurmat lid-Dipartment tal-Gvern Lokali fuq dan u staqsiet x'hini l-way forward issa li diġa saru żewġ calls għal dan il-post li rriżultaw fin-negattiv.

79.3.3 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li wara l-problema li kienet inqalat mal-Kuntrattur tal-ġbir ta' skart ta' qabel fejn dan il-kuntrattur iddeċieda li jkompli jiġbor l-iskart anke wara id-data li huwa kellu jieqaf, dawn qablu mas-Sindku fil-proposti tagħha li la l-Kunsill u lanqas il-kuntrattur il-ġdid ma jħallas.

79.3.4 Il-Kunsill qabel li s-servizz ta' dan il-kuntrattur ser jieqaf immedjetament.

79.3.5 Is-Segretarju nfurmat li dan ma jinkudix il-ġbir tar-riċċiklaġġ peress li hemm kuntratt separat ma' dan il-kuntrattur u l-GreenPak.

79.3.6 Is-Segretarju tkellmet fuq l-Accountant tal-Kunsill peress li l-kuntratt tagħha kellu jiskadi llum 3 ta' Settembru 2018, kien ġie deċiż mill-Kunsill li s-servizz tagħha ikompli għal din is-sena li ġejja b'direct order. Dan peress li s-Segretarju Eżekuttiv ser tirtira fix-xhur li ġejjin ta lanqas ma titlaqx hija ukoll fl-istess żmien.

79.3.7 Is-Segretarju reġgħet fakkret lill-Kunsill li wara li kienet ħadet parir u konferma mill-Monitoring tad-Dipartiment l-Accountant tista tingħata direct order separat kemm għall-inputting tal-bookkeeping u kemm għar-reporting ta' l-Accounts peress li huma żewġ servizzi differenti.

79.3.8 L-ammont li ser titħallas l-Account huwa ta' €4237.29 excluding VAT għal kull servizz.

79.3.9 Residenta xtaqet tagħmel żewġ talbiet lill-Kunsill Lokali :

a. Biex il-Kunsill japplika għal bus stage, m'hemmx bżonn ikun hemm shelter *just* pole imqarr fi Triq Depiro Gourgion kantuniera ma' Triq il-Mitħna. Dan għaliex dik l-area fi naħa ta' fuq kull m'hemm huwa stage wieħed u hemm bżonn ieħor.
b. Din ir-residenta qiegħda titlob ukoll biex isiru diversi 'no parking signs' mal-ħitan ta' sejjieħ mill-Kappella tal-Mirakli l-isfel dan għaliex il-karozzi qed jipparkjaw mal-ħitan ta' sejjieħ u b'hekk kważi jagħlqu l-aċċess ta' triq. B'konsegwenza li qed jinħoloq konfużżjoni meta tiġi biex tgħaddi tal-linja biex tmur għal Triq San Liċinju speċjalment meta jkun hemm il-quddies jew xi party fis-sala.

79.3.10 Għal l-ewwel talba l-Kunsill iddeċieda li għandha tintbagħat talba lit-TM biex imqar titwaħħal sign tal-Bus Stop faċċata ta' Triq San Liċinju.

79.3.11 Għat-tieni talba l-Kunsill qabel li dawn il-lines isiru imma iktar l-isfel. Għandhom imorru s-Segretarju u s-Sinjorina Lorraine Farrugia on site biex jimmarkaw eżatt fejn.

79.3.12 Resident jixtieq jagħmel talba lill-Kunsill Lokali għal sign li tgħid 'Lija Centre' biex titwaħħal fejn l-istatwa tal-Madonna fi Triq tal-Mirakli fejn hemm il-Valletta sign għaliex in-nies qegħdin jgħaddu minn quddiem minħabba li jaħsbu li tinfed għall-pjazza.

79.3.13 Il-Kunsill unanimament qabel ma din it-talba.

79.3.14 Rikjesta mingħand resident li joqgħod Triq Sant'Andrija biex jagħlaq it-triq għax qed jirranġa d-dar. Huwa jrid jagħlaq fl-24, 25, 26 u 29 ta' Settembru bejn 9:00am sa 6:00pm. Qed nitolbu l-permess tal-Kunsill minħabba li ħa tingħalaq aktar minn darba wara xulxin u li din it-triq hija l-unika aċċess għall-*village core*.

79.3.15 Il-Kunsill iddeċieda li għandna nistaqsu lir-resident eżattament x'inġenji għandu bżonn biex jekk jista jkun ma nagħlqux it-triq dak il-ħin kollhu u tlett ijiem wara xulxin peress li hemm naqra ta' diffikulta.

79.3.16 Is-Sindku ressqet proposta ġdida mingħand 'Recycling Textiles' rigward il-ġbir tal-ħwejjeġ door to door fejn qablu li jagħtuna bags bil-logo apposta għall-ħwejjeġ. Il-Kunsill irid jideċiedi dwar dan.

79.3.17 Wara li l-Kunsill iddiskuta din il-proposta ġie deċiż li jmorru għal bins fejn din il-Kumpanija ser toffri €20.00 kull xahar għal kull bin.

79.3.18 Il-Kunsill aċċetta din l-offerta tal-bins unanimament u ġie deċiż li dawn il-bins isiru Ta' Senna, fl-entratura taċ-Ċentru Rekreattiv, ħdejn il-Mitħna, L/O Seguna ħdejn is-siġar il-kbar u anke ħdejn l-iskola.

79.3.19 Dawn għandhom jiġu mmarkati mill-Minority Leader, s-Sinjorina Lorraine Farrugia u s-Segretarju Eżekuttiv.

79.3.20 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi ressqet quddiem il-Kunsill li persuna li twieldet Ħal Lija li kiteb oratorju għas-Salvatur.

79.3.21 Din il-persuna qed jistaqsi jekk is-sena id-dieħla jindaqq dan l-oratorju ma' l-għaqdiet kollha, mal-Kappillan, mas-Surmast peress li hemm anniversarju. Dan il-programm jinħareġ viċin il-festa tas-sena dieħla 2019.

79.3.22 Is-Sindku nfurmat li meta jkollha il-costings kollha għandha tressaqhom quddiem il-Kunsill.

79.3.23 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda lista tan-nies kollha li kienu ħadu Ġieħ Ħal Lija sallum il-ġurnata.

79.3.24 Minn din il-lista iridu jintagħżlu nies li llum m'għandhomx magħna biex nagħtu isem lit-toroq li m'għandhomx.

79.3.25 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għandha tiċċekkja liema toroq għadhom mingħajr isem.

79.3.26 Resident li joqgħod no.18 Triq Preziosi xtaq jagħmel xi talbiet lill-Kunsill Lokali biex tinbidel il-bozza li għandu mal-faċċata u jsir fanal stil antik minflokk il-lampa tal-gvern li qegħeda mwaħħlha. Kif ukoll qiegħed jitlob li jagħmel żewġ *pots* żgħar mal-ġenb tal-bieb ta' dar tiegħu.

79.3.27 Fuq il-*pots*, il-Kunsill ma qabilx li jsiru peress li huma kontra l-liġi. Fuq il-fanal stil antik minflokk bozza, il-Kunsill ma ħax deċiżjoni peress li biex jagħmel hekk, il-Kunsill ikollu jbiddel il-bozzoz kollha.

79.3.28 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-prezzijiet ta' min ser javalwa it-tender tal-Public Convenience. Il-kwotazzjonijiet ta'l-evalwazzjoni ta' Tenders huma dawn, Accountant €30 excluding of VAT per hour, Technical Person €50 excluding of VAT per hour, €20 additional meetings u jekk ikun hemm bżonn iktar *evaluation reports* dawn jiġu jiswew €30 , Legal Services €75 per meeting.

79.3.29 Il-Kunsill approva unanimament dawn l-ispejjes biex tiġi evalwata t-tender tal-Public Convenience.

79.3.30 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, tkellmet fuq il-Measure 4.4 fejn applikaw 6 persuni imma 4 biss ġabu l-ittra ta' kunses biex inkomplu bil-proċedura tal-applikazzjoni.

79.3.31 Ġejna nfurmati mir-Reġjun li għandna deadline sal-11 ta' Settembru 2018. Kellimna lill-Perit fejn staqsejnih rigward spejjess minn naħa tiegħu u qalilna li hu jieħu 1% ta' total ta' kemm jiġu l-ħitan tas-sejjieħ.

79.3.32 Is-Segretarju nfurmat li l-pass li jmiss huwa li l-Perit irid jipprepara site plans, ritratti u BOQs ta' kull ħajt tas-sejjieħ.

79.3.33 Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nkomplu nipproċedu fuq dan il-proġett.

79.3.34 Residenta bagħtet ukoll e-mail rigward permess PA/06379/18 ġewwa t-Triq Annibale Preca kantuniera ma' Triq Sant'Antnin, Balzan fejn l-*concern* tagħha huwa li ser jitneħħa l-ġnien kollu li għandha din id-dar. Il-ġnien qiegħed in-naħa ta' Triq Sant'Antnin.

79.3.35 Hija qed tistaqsi jekk il-Kunsill jaqbilx li ssir *consultation reply* u li din għandha ssir sal-15 ta' Settembru 2018.

79.3.36 Il-Kunsill qabel unanimament.

79.3.37 Is-Sindku reġgħet ressqet l-ilment tal-yellow lines ta' l-isqaq fi Triq il-Forn. Ġie deċiż li dan m'għandux jiġi *refreshed* qatt meta jmur.

79.3.38 Il-Kunsilliera reġgħu ddiskutew din il-problema anke għal fatt li l-Pulizija ikkonfermaw li ġo dak il-garage iddaħħal mutur.

79.3.39 Fuq dak l-isqaq il-Kunsill iddeċieda li għandha nistaqsu lit-TM għall-passaġġ żgħir fin-nofs f'dan l-isqaq.

79.3.40 Is-Sindku ressqet lista ta' permessi tal-MEPA għar-rakkomandazzjoni.

79.3.41 Fuq PA 06812/18 u PA/07401/18 il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni, imma fuq PA/06794/18 irid jiġu ċċekkjat Class 4A huwiex restaurant.

79.3.42 Is-Sindku fakkret lill-Kunsill li fil-21 ta' Settembru l-V18 ser jorganizzaw attivita' fil-ġnien Ċentru Rekreattiv 21st Cinema u li għandna bżonn 40 siġġu li nistgħu nġiebuhom mingħand tal-Bocci Club.

79.3.43 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hija flimkien mas-Segretarju u resident minn Ta' Senna kellhom laqgħa mat-TM dakinhar filgħodu biex jitkellmu fuq diversi *issues* fuq traffiku f'Mosta Road u Naxxar Road u l-bollards li saru f'Ta' Senna.

79.3.44 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li fejn iċ-ċimiterju hemm problema għax qed jinġema t-traffiku int u sejjer lejn il-Belt peress li l-Stop Sign li kienet diġa eżistenti baqgħet hemm.

79.3.45 Transport Malta għandhom jibgħatu pjanta biex juruna fejn ser tispiċċa t-triq, biex il-Kunsill japprovah u l-Stop sign għandha titneħħa.

79.3.46 Fuq il-bollards ta' Kinds, għad irid isir studju anke fuq x'issuġġerixxa r-resident, ser isir aktar enforcement u anke jiskuraw iż-żebgħa li diġa teżisti.

## 79.4 PROĠETTI LI SER ISIRU MILL -FONDI TAL-UIF

79.4.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq kemm hemm fanali fir-raħal. Is-Sindku ċċekkjat dan u l-Kunsill għandu jiddeċiedi jekk hux ser jixtraw il-fanali mill-fondi tal-UIF.

79.4.2 Is-Sindku nfurmat li jekk ser jinxtraw xi fanali dawn iridu jkunu l-istess għat-triq jew l-isqaq kollu.

79.4.3 Imma qabel dan il-proġett tal-fanali, is-Sindku tkellmet fuq il-laqgħa li hija flimkien mas-Segretarju kellhom ma' l-MCCAA fejn ġew iċċarati ċerti affarijiet.

79.4.4 Dan biex isir il-play area tal-bandli bil-multipurpose flooring, isiru ukoll il-play units kif suppost, jinbidlu fejn hemm bżonn u jsir *proper signage*.

79.4.5 F'din il-laqgħa l-MCCAA ikkonfermaw li r-rapport jagħmluh fuq iċ-Ċentru Rekreattiv kollu imma fejn ikun saru x-xogħolijiet tinkiteb li jkunu saru *up to standard.*

79.4.6 Is-Segretarju nfurmat li wara din il-laqgħa hija tkellmet mal-Perit tal-MEPA biex japprovaw dak li qalulna l-MCCAA.

79.4.7 Ġejna nfurmati li t-talba tagħna ser terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tad-Development Committee meeting tal-Bord tal-MEPA.

79.4.8 Għandha terġa tintbagħat reminder lill-MEPA fuq dan.

79.4.9 Wara li jiġi deċiż x'ser isir fuq il-proġett tal-ġnien, il-Kunsill ikun f'iktar pożizzjoni ċara biex jieħu deċiżjoni x'jista jinbidel u jiżdiedu l-fanali tar-raħal.

## 79.5 UPDATE FUQ L-ERASMUS

79.5.1 Il-Viċi Sindku, s-Sinjorina Stephanie Cutajar tat *update* fuq l-Erasmus project u nfurmat li hija għamlet il-meeting ma' l-parteċipanti kollha l-Ġimgħa ta' qabel.

79.5.2 Hija infurmat ukoll li il-lukanda ġiet ikkonfermata.

79.5.3 L-istudenti aċċettaw ukoll li ser joħorġu xi ħaġa għal l-ispejjes, l-ammont ta' €25.00 fuq il-baggalji ta' 20 kgs peress li l-biljetti ta' l-ajru ġew xi ftit għoljin.

## 79.6 INTERIM AUDIT SA L-AĦĦAR TA' NOVEMBRU 2018

79.6.1 Is-Segretarju ressqet talba quddiem il-Kunsill biex isir Interim Audit sa l-aħħar ta' Novembru 2018, peress li dak iż-żmien huwa ż-żmien uffiċċjali li ser tirtira s-Segretarju Eżekuttiv preżenti.

79.6.2 Il-Kunsill ma approvax li jsir dan l-Audit peress li ser ikun fadal xahar biss sa l-aħħar tas-Sena.

## 79.7 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

79.7.1 Il-Minority Leader is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fejn waslu x-xogħolijiet li għandhom jagħmlu l-ħaddiema ta' RSSL li kienu bdew ir-ronda tagħhom ġo Ħal Lija f'din il-ġurnata.

79.7.2 Is-Segretarju nfurmat li refreshing tal-linji tan-nofs u slow signs li hemm fi Triq il-Mitħna, il-ħaddiema ma jridux jagħmluhom jekk ma jingħalqux it-toroq bil-gwardjani li dawn jiġu għoljin ħafna għall-Kunsill.

79.7.3 Fuq it-tindif tal-ġebel ta' Hal Mann ħdejn il-ħitan tas-sejjieħ, il-ħaddiema qalu li dan mhux xogħolhom għax irid jinqata l-ħaxix.

79.7.4 Is-Segretarju għandha tmur mal-ħaddiema tal-maintenance biex turihom x'hemm bżonn isir f'Hal Mann.

79.7.5 Is-Sindku rraportat li fi Triq il-Forn fejn joqgħod il-Perit, it-triq qed tiżżaqqaq bil-konsegwenza li meta tagħmel ix-xita tiġi għadira.

79.7.6 Ġie deċiż li nitkellmu mal-Perit biex naraw x'jista jsir.

79.7.7 Is-Segretarju u s-Sindku qalu li l-ħaddiema għandhom xogħol x'jaghmlu fil-perjodu li ser ikun hawn il-ħaddiema ta' l-RSSL u apparti dawn ix-xogħolijiet iridu jagħmlu t-truffs bil-concrete f' ta' Senna area.

## 79.8 RAPPORTI – QUARTERLY FINANCIAL REPORT MINN APRIL 2018 SA ĠUNJU 2018.

79.8.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill it-tieni parti tal-Quarterly Financial Report sa l-aħħar ta' Ġunju 2018.

79.8.2 Il-Kunsilliera raw dan ir-rapport u fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 7.9 ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEGA

79.9.1 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li peress li l-ħaddiem tal-maintenance li irtira kien iġib l-għodda hu biex jitnaddfu l-culverts, issa l-ħaddiema m'għandhomx biex jagħmlu dawn ix-xogħolijiet.

79.9.2 Is-Segretarju ssuġerit li għandna nġibu kwotazzjonijiet biex dawn il-culverts jitnaddfu sewwa anke għal fatt li l-ħaddiema hemm minnhom li għandom injury serja f'darhu.

79.9.3 Ma kienx hemm items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali meħtieġa.

## 79.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI U L-PETTY CASH

79.10.1Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2018.

79.10.2Il-Viċi Sindku, s-Sinjorina Stephanie Cutajar irrimarkat li l-kont tat-telphone qed jiġi għoli ħafna.

79.10.3Is-Sindku u S-Segretarju nfuraw lill-Kunsill li żdiedu ħafna telefonati fuq xogħol li qed isiru mill-uffiċċju tal-Kunsill.

79.10.4Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondtata mill-Viċi Sindku s-Sinjorina Stephanie Cutajar, il-pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2018 ġew approvati unanimament.

79.10.5Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mill-Viċi Sindku, s-Sinjorina Stephanie Cutajar, il-petty cash għax-xahar ta' Settembru 2018 ġiet approvata unanimament.

## 79.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

79.11.1Il-laqgħa ntemmet fis-7.00p.m. u ġiet aġġornata għall-laqgħa li ser issir nhar L-Erbgha 26 ta' Settembru 2018, fil-5:00p.m.

IFFIRMATA

Magda Magri Naudi
Sindku

IFFIRMATA

Georgette Borg
Segretarju Eżekuttiv